IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ DIĊEMBRU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI 1966

# IL-MIDALJA 'ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI'

*Sa mill-eqdem żminijiet il-pajjiżi ċivilizzati kienu juru l-għożża tagħhom lejn it-talent billi jippremjaw lil min bid-dehen, bil-għaqal u bit-talent tiegħu ntrafa' 'l fuq mill-kotra u wettaq opri sbieħ u ta' ġmiel li jagħmlu ġieh mhux biss lil min wettaqhom, iżda wkoll lin-nazzjon tiegħu.*

*Nazzjon tistagħna mhux biss bil-ġid materjali, imma wkoll bl-opri intellettwali, anzi dawn ta' l-aħħar huma ta' għożża akbar għax is-siwi tagħhom ma jonqosx maż-żmien, imma jibqa' joktor u jiżdied u jnissel ferħ u hena fil-qlub, idawwal l-imħuħ u jħeġġeġ ir-ruħ. Il-ġid jintemm, imma l-arti hi bla tarf; il-flus jispiċċaw, imma l-ġmiel jibqa'. U aktar ma nazzjon ikollha wlied li seddqu opri artistiċi u intellettwali, aktar il-patrimonju nazzjonali tagħha jix-xettel u jikber u jissaħħaħ, u allura hi togħla fost il-ġnus u takkwista ġieh u qima.*

*Għalhekk il-Gvernijiet u dawk iċ-ċittadini li jħobbu lil pajjiżhom dejjem fettxew li jseddqu t-talent billi jinkoraġġixxu u jonuraw lil min juri xejra intellettwali u lil min iħabrek biex ikattar il-patri-monju artistiku u kulturali tal-pajjiż.*

*Tassew li dawk in-nies mogħnija bl-intellett, l-aqwa don li bih Alla jżejjen il-bniedem, jintefgħu għall-ħidma tagħhom bla ebda ħsieb ta' ħlas jew premju, għax huma jħossu ġewwa fihom fawra ta' ġmiel u ta' sebħ u ta' sliem, u jixtiequ li jagħtu sura lil dak is-sentiment li jnebbaħ lil moħħom u jkebbes lil qalbhom.*

*Imma jixraq ħafna li l-poplu juri l-għaxqa u l-għożża tiegħu lejn dawk il-magħżulin billi jagħti xi turija ta' ġieh lil min jistħoqqlu, għax din il-għotja tħajjar, iċċaqlaq u tħeġġeġ lil dawk li jħossu ġibda għax-xogħol tal-moħħ. Ħafna drabi dan ix-xogħol tal-moħħ ma jirrendix qligħ materjali u min jintefa' għalih jagħmel sagrifiċċji kbar, imma r-riżultati jkunu ta' siwi u fejda bla qies u ta' ħajja bla tmiem.*

*Sfortunatament f'pajjiżna l-inkoraġġiment tat-talent Malti dejjem kien nieqes. Kellna ħafna filantrofi li ħallew ġid kbir għall-karità,*

*imma qajla ħasbu biex jagħmlu ħila lin-nies tal-arti u tal-koltura. Din forsi kienet waħda mir-raġunijiet li pajjiżna baqa' nieqes minn dik li hi arti u kultura nazzjonali. Żmien ilu l-Gvern kien joħroġ pensjoni lil xi wħud li jkunu iddistingwew ruħhom għad-dehen tagħhom jew li jkunu wettqu opri artistiċi, imma llum dik il-pensjoni nqatgħet, u li kieku ma kinetx il-familja Muscat-Azzopardi li waqqfet il-midalja tad-deheb b'tifkira ta' missierhom, kieku f'Malta ma kien ikollna xejn biex nippremjaw lil min jistħoqqlu fil-kamp letterarju.*

*Il-midalja tfakkar il-Kavalier Ġużè Muscat-Azzopardi, Missier il-Letteratura Maltija; hi l-ogħla foħrija li tista' tingħata f'Malta għall-merti letterarji u hi ikkunsidrata, bħala l-aqwa ġieħ għall-ħidma letterarja Maltija. Il-midalja hi magħrufa f'Malta u barra minn Malta u meqjusa bħala ġieħ kbir.*

*Is-siwi ta' din il-midalja ma hux biss l-unur li bih issebbaħ lil min jirċiviha, iżda wkoll l-ispirazzjoni li tnissel fost il-kittieba, u l-fehma li tnissel fihom biex jimxu fit-triq li feraħ Missier il-letteratura tagħna u l-ewwel President tal-Akkademja tal-Malti.*